

Brussell, 23 ta' Settembru 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0291(COD)**

12183/21
ADD 1

MI 695
ECO 101
ENT 154
IA 155
IND 252
TELECOM 349
CODEC 1251
CONSOM 200

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 547 final
Suġġett:	ANNEX tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/53/EU dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 547 final.

Mehmuż: COM(2021) 547 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2021
COM(2021) 547 final

ANNEX

ANNEX

tal-proposta għal Direttiva

tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill

**li temenda d-Direttiva 2014/53/EU dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri
marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju**

{SEC(2021) 318 final} - {SWD(2021) 244 final} - {SWD(2021) 245 final} -
{SWD(2021) 246 final}

ANNEX

“ANNEX Ia

Speċifikazzjonijiet u informazzjoni b’rabta mal-iċċarġjar applikabbli għal ċerti kategoriji jew klassijiet ta’ tagħmir tar-radju

PARTI I

SPEĊIFIKAZZJONIJIET DWAR IL-KAPAĊITAJIET TAL-IĊĊARĠJAR

1. Mobiles li jinżammu fl-idejn, tablets, kameras diġitali, kuffji, headsets, consoles tal-logħob vidjo li jinżammu fl-idejn u speakers portabbli, sa fejn ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta’ iċċarġjar bil-fili, għandhom:
 - (a) ikunu mġhammra bir-reċipjent USB tat-Tip-C, kif deskritt fl-istandard EN IEC 62680-1-3:2021 “Interfaċċi universal serial bus għad-*data* u l-potenza — Parti 1–3: Jenħtieġ li l-komponenti komuni — Speċifikazzjonijiet tal-Kejbils u l-Konnetturi USB tat-Tip-C™”, jibqgħu aċċessibbli u operattivi l-ħin kollu;
 - (b) ikunu kapaċi, fil-każ ta’ potenza tal-iċċarġjar ta’ inqas minn 60 watts, li jiġi ċċarġjat b’kejbils li jikkonformaw mal-istandard EN IEC 62680-1-3:2021 “Interfaċċi universal serial bus għad-*data* u l-potenza — Parti 1–3: Komponenti komuni — Speċifikazzjonijiet tal-Kejbils u l-Konnetturi USB tat-Tip-C™”.
2. Mobiles li jinżammu fl-idejn, tablets, kameras diġitali, kuffji, headsets, consoles tal-logħob vidjo li jinżammu fl-idejn u speakers portabbli, sa fejn ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta’ iċċarġjar bil-fili b’vultaġġi oġhla minn 5 volts jew kurrenti oġhla minn 3 amperes jew potenza oġhla minn 15-il watt, għandhom:
 - (a) jinkorporaw il-Konsenja tal-Potenza tal-USB, kif deskritt fl-istandard EN IEC 62680-1-2:2021 “Interfaċċi universal serial bus għad-*data* u l-potenza — Parti 1–2: Komponenti komuni — Speċifikazzjoni tal-Konsenja tal-Potenza USB”;
 - (b) jiżguraw li kwalunkwe protokoll addizzjonali tal-iċċarġjar jippermetti l-funzjonalità sħiħa tal-Konsenja tal-Potenza USB imsemmija fil-punt (a).

PARTI II

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RELATATI MAL-KAPAĊITAJIET TAL-IĊĊARĠJAR

Fil-każ ta’ tagħmir tar-radju li jaq’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi indikata f’forma stampata fuq l-imballaġġ jew, fin-nuqqas ta’ imballaġġ, fuq tikketta li takkumpanja t-tagħmir tar-radju bil-kundizzjoni li t-tikketta tista’ tkun viżibbli:

- (a) deskrizzjoni tar-rekwiżiti tal-potenza tal-apparat tal-iċċarġjar bil-fili li jista’ jintuża ma’ dak it-tagħmir tar-radju, inkluża l-potenza massima meħtieġa biex jiġi ċċarġjat

it-tagħmir tar-radju espressa f'watts billi jintwera t-test: "Il-potenza minima mogħtija miċ-ċarġer għandha tkun daqs jew ogħla minn [xx] Watts". Jenħtieġ li n-numru ta' watts jesprimi l-potenza massima meħtieġa mit-tagħmir tar-radju;

- (b) Deskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet b'rabta mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz tal-iċċarġjar bil-fili b'vultaġġi ogħla minn 5 volts jew kurrenti ogħla minn 3 amperes jew qawwa ogħla minn 15-il watt, inkluża indikazzjoni li t-tagħmir tar-radju jappoġġa l-protokoll tal-iċċarġjar tal-Konsenja tal-Potenza USB billi juri t-test "USB PD iċċarġjar rapidu" u indikazzjoni ta' kwalunkwe protokoll ieħor tal-iċċarġjar appoġġat billi juri ismu f'format testwali.

Din l-informazzjoni għandha tkun b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun ċara, tinftiehem u intelliġibbli."